**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

---

**IL-SEBA' LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 3 – IT-TNEJN, 6 TA' MEJJU 2013 FIL-5:30PM**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti | Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| | Marica Bayliss | Viċi Sindku |
| | Rita Saliba | Kunsillier |
| | Malcolm Abdilla | Kunsillier |
| | Dominic Cassar | Kunsillier |
| | Trevor Fenech | Kunsillier |
| | Mikhail Micallef | Kunsillier |
| | Neville Mallia | Kunsillier |
| | Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużati | Joan Farrugia | Kunsillier |

**1 Approvazzjoni Minuti Numru 2**

1.1 Ma kien hemm ebda korrezzjoni fil-minuti.

1.2 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sinjura Marica Bayliss issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Approvazzjoni Minuti Numru 2 kontinwazzjoni 1**

2.1 Ma kien hemm ebda korrezzjoni fil-minuti.

2.2 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sinjura Marica Bayliss issekondat. Kien hemm 7 favur u 1 astensjoni.

**3 Pagamenti Numru 2**

2.1 Is-Sur Etinne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sinjura Rita Saliba ssekondat. Kien hemm qbil unanimu.

## 4 Budget 2013

4.1 Kien hemm diskussjoni rigward il-budget propost. Saru numru ta' emendi. Dawn jinkludu, 1000 Ewro ivvutati għall-iSports u ż-Żgħażagħ, tnaqqis ta' 6,000 Ewro mill-vot għall-pagi, u 5,000 Ewro mill-vot għal Miscellaneous Account. Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġi approvat il-budget. Is-Sur Neville Mallia ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

## 5 Komunikazzjoni mis-Sindku

5.1 Kien hemm diskussjoni rigward l-attività li ser issir fil-masġar Leopoldu Tabone. Ġie deċiż li minbarra l-portable toilets, jinxtraw ukoll żewġ trophies. L-attività ser issir fil-*cul de sac* taħt il-masġar, imma l-Ħadd ser issir wirja ta' karozzi antiki fi Triq l-Istephanotis.

## 6 Korrispondenza

6.1 Kien hemm diskussjoni rigward ittra mill-WSC rigward il-possibbiltà li hemm xi ilma jinħela fil-latrina. Għandu jiġi ingaġġat plumber biex jara din.

6.2 Ġiet innutata korrispondenza mid-Dipartiment tal-Libreriji rigward it-tindif. Din għandha tiġi riferuta lill-Kap tal-Iskola.

6.3 Ġiet diskussa t-talba tal-Għaqda Madonna ta' Lourdes rigward l-attività konġunta li hija tiġi mitluba mill-Għaqda. Għandhom jibagħtu xi dettalji tekniċi rigward l-apparat li hemm bżonn għal din l-attività.

6.4 Kien hemm diskussjoni rigward kontijiet pendenti li hemm mas-Sur James Sghendo minħabba nuqqas ta' dettalji. Ġie deċiż li l-kontijiet li jammontaw għal 115 Ewro, 170 Ewro u 150 Ewro jiġu mħallsin, imma l-kont li jammonta għal 80 Ewro għandu jiġi rivedut qabel ma' jiġi mħallas.

## 7 Tindif u Qtugħ ta' ħaxix

7.1 Kien hemm konsensus li x-xogħol li qed isir fil-Kappara huwa tajjeb. Dan jirrifletti l-pożizzjoni wkoll tal-Kumitat Amministrattiv tal-Kappara. Il-knis u l-qtugħ ta' haxix fil-kumplament ta' San Ġwann mhux sodisfaċenti. Għandha tiġi konfermata n-numru ta' ħaddiema li għandu jkollu l-kuntrattur għal dan ix-xoghol.

7.2 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu installati GPS locators fuq kull karretta biex jiġi moniterati aħjar dawn il-ħaddiema. Is-Sur Neville Mallia ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

## 8 Punti li joħorġu mill-minuti u Affarjiet oħra.

8.1 Is-Sinjura Marica Bayliss issuġeriet li mertu San Ġwann issir is-Sibt, 22 ta' Ġunju minflok il-Ħadd, 23 ta' Ġunju minħabba li l-persuni li ġew immeritati mhux ser ikunu Malta dik il-ġurnata. Għandhom jiġu ordnati xi appetizers għall-okkażjoni. Kien hemm qbil unanimu.

8.2 Is-Sur Neville Mallia ppropona li jsiru l-managed parking fi Triq E Vitale. Kien hemm qbil unanimu.

8.3 Is-Sur Dominic Cassar informa lill-Kunsill li l-pavimentar fil-masġar Leopoldu Tabone qiegħed miexi pass mgħaġġel. Hu ippropona li għandhom isiru xogħlijiet ta' ċnut madwar il-blokkijiet tal-gvern, u fi soft area fi Triq Caruana Dingli, parti minn bankina fi Triq Santa Margerita, u żewġ bollards fi Triq l-Iskola. Kien hemm qbil unanimu.

8.4 Is Sur Mikhail Micallef ġibed għall-attenzjoni l-periklu li qiegħed fiha n-niċċa tal-Madonna li tinsab fi Triq tas-Sliema kantuniera ma' Triq Korvu. Għandu jsir site inspection. Hu ġab għall-attenzjoni wkoll li qed ikun hemm ħafna ilma fi Triq San Ġiljan minħabba li hemm min jimla l-bowser. Dan il-każ għandu jiġi riferut lill-pulizija. Hu rrimarka wkoll li hemm bżonn isir ftit manutenzjoni fuq il-bankijiet li jinsabu fi Triq is-Santwarju.

8.5 Is-Sur Trevor Fenech irrimarka fuq ir-riħa tinten li jkun hemm ħdejn il-banka tal-lottu fi Triq il-Mensija. Dan il-każ għandu jiġi riferut lid-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika. Huwa nforma lill-Kunsill li għandu kuntatt ma' Sindku fis-Slovakja u dan għandu jagħmel kuntatt miegħu s-Sindku ta' San Ġwann. Dan bil-possibbiltà li jsir ġemellaġġ. Huwa kien ftit iddispjaċut fir-rigward tal-konfront li kien hemm fil-laqgħa preċedenti bejn il-Kunsillier Mikhail Micallef u Kunsillier ieħor. Hu fakkar li hu konġunt fir-responsabbiltajiet ma' Micallef u li jissuġġerixxi wieħed ikun miftiehem mal-ieħor. Il-Kunsillier Marica Bayliss qalet li hija prudenza li l-kunsillier responsabbli jkun konsultat meta jkun hemm *overlapping* ta' responsabbiltajiet.

8.6 Is-Sinjura Rita Saliba ilmentat li t-truck li jiġi jbattal ir-recycling skips qed iħalli ħafna ħmieġ warajh. Għandu jiġi riferut lill-Green Pak. Hija ipproponiet li jitwaħħal bank fi Vjal in-Naspli. Is-Sur Malcolm Abdilla ssekonda. Kien hemm 3 favur (Rita Saliba, Malcolm Abdilla, u Trevor Fenech) 4 kontra (Etienne Bonello Du Puis, Marica Bayliss, Dominic Cassar u Neville Mallia) u 1 astensjoni (Mikhail Micallef). Il-proposta m'għaddietx. Is-Sinjura Rita Saliba ipproponit li għandu jiġi investigat il-possibbiltà li l-iskart domestiku jiġi miġbur filgħaxijiet, kif ukoll għandhom jerggħu jidħlu l-iskips fiż-żoni tal-flats tal-gvern. Is-Sindku rrisponda li l-ġbir ta' skart għandu jiġi diskuss aktar 'il quddiem. Kien hemm qbil li għandha tinkiteb ittra lil Transport Malta mnħabba l-periklu li hemm meta l-karozzi jidħlu għal Triq San Ġwann tal-Għorgħar minn Triq in-Naxxar.

8.7 Is-Sur Malcolm Abdilla ppropona li għandha ssir No Right Turn fi Triq Bernardette kantuniera ma' Triq Sant' Antnin minħabba li hija nieqsa. Huwa żvela li pprova jagħmel kuntatt ma' villaġġi bl-isem bħala San Ġwann fl-Irlanda u fl-Ingilterra. Kien hemm diskussjoni rigward il-bankijiet li jinsabu fi Triq Ugo Carbonaro.

## 9 Għeluq il-Laqgħa

Il-laqgħa spiċċat fit-8.30pm. Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 20 ta Mejju 2013 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Kurt Guillaumier** | **Etienne Bonello Du Puis** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |